# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2299

**Kaz Numru 3167/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Stephen Scicluna (ID No: 284868M)**

**u**

**Nylon Knitting Limited**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 23 ta' Lulju, 2014.**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant Stephen Scicluna fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar it-8 ta' Ottubru, 2013, fejn sostna li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu saret b'mod sfaccat, kienet wahda ngusta u mhux valida fil-ligi. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li l-impjieg tal-Appellant gie terminat wara sensiela ta' twissijiet u tentattivi inutli biex tigi kkoreguta l-imgieba ta' l-Appellant.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm tmien (8) seduti fejn sema' l-provi prodotti miz-zewg nahat u evalwa d-dokumenti kollha kif prezentati, kif ukoll it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mil-ligi minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Stephen Scicluna li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant kellu l-assistenza ta' Dr. Abigail Critien.

Nylon Knitting Ltd., li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta' ntimata kienet irraprezentata minn Darren Gatt assistit minn Dr. Charlotte Camilleri.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant kien jahdem mas-Socjeta' ntimata bhala *Machine Operator* sa mill-1998.
Wara sensiela ta' kazijiet varji ta' nuqqasijiet li fihom kien involut l-Appellant u li konsegwenza taghhom ircieva diversi twissijiet, l-impjieg gie mitmum 'in seguito' ta' kaz li l-*management* kien qed iqiesu bhala kaz serju ta' xoghol maghmul bi kwalita baxxa, fejn waqt it-trattament propju ta' dan il-kaz, l-Appellant rega' nqabad juza l-*mobile* tieghu waqt il-hin tax-xoghol, att li kien projbit.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Darren Gatt** xehed li huwa l-*HR Manager* tas-Socjeta' ntimata. Huwa beda x-xhieda tieghu billi qal li l-Appellant kellu storja ta' azzjonijiet dixxiplinarji fil-konfront tieghu. Ix-xhud ta dettalji ta' ezempji ta' kazi li wasslu ghal hrug ta' *warnings* fil-konfront tal-Appellant matul is-snin. Dawn kienu jvarjaw minn xoghol maghmul bi traskuragni u '*abusive language*' mas-*Supervisor*, ma nstabx id-dar mit-tabib meta rraporta marid, illargar minn fuq ix-xoghol minghajr awtorizzazzjoni, u uzu tat-telfon cellulari waqt ix-xoghol meta dan hu projbit.
Ix-xhud wara ghadda sabiex jispjega fid-dettal, il-proceduri dixxiplinarji kif prattikata fis-socjeta' ntimata. Proceduri li huma regolati bi ftehim kollettiv, tenna x-xhud.
Spjega li f'Marzu 2013, wara ntervent tal-Union, l-Appellant kellu sospensjoni mix-xoghol sospiza, izda f'Awwissu huwa rega nghata rapport fuq '*carelessness in carrying out his duties*' u propju waqt li l-kaz tieghu kien qed jigi ttrattat mall-Union, l-Appellant rega' nstab juza l-*mobile* waqt il-hin tax-xoghol. F'dan l-ambitu ittiehdet id-decizjoni li l-impjieg tal-Appellant jigi mitmum tenna x-xhud. Ix-xhud stqarr li sa fejn jaf hu, waqt it-trattament dixxiplinarju ta' dawn il-kazi, l-Appellant kien ikun akkumpanjat minn rapprezentant tal-Union.

**Pierre Luigi Di Pilato** xehed li huwa jokkupa l-kariga ta' *Business Unit Manager*. Ix-xhud spjega l-mod kif giet ittrattata l-imgieba generali tal-Appellant matul iz-zmien b'mod partikolari fl-ahhar sena, fejn wara l-interventi tal-*Union*, gew sospizi mizuri fil-konfront ta' l-Appellant li kienu jinkludu sospensjoni mix-xoghol. Dan sar peress li l-*Union* qalu li huwa kellu problemi familjari, fejn allura qablu li s-sospensjoni kienet qed tigi meqjusa bhala li tejoretikament sehhet pero', ma gietx effettwata sabiex ma jbatix finanzjarjament.
Spjega li wara dan, fegg il-kaz ta' xoghol maghmul bi kwalita baxxa, fejn il-*Union* minflok tmiem tal-impjieg bdiet tappella sabiex jinghata sospensjoni u dan minhabba problemi familjari li kien qed jinghad li kellu l-Appellant. Ix-xhud kompla billi qal li waqt id-deliberazzjoni ta' dan il-kaz, l-Appellant inqabad juza l-*mobile* waqt il-hin tax-xoghol. Ix-xhud temm billi stqarr li kieku l-ahhar incident ta' xoghol ta' kwalita baxxa kien izolat, huwa ma kienx jiddeciedi li l-impjieg jigi mitmum, pero' fil-kuntest ta' l-imgieba tieghu matul is-snin u l-ahhar kaz tal-uzu tal-*mobile,* hass li jkun gustifikat li jtemmlu l-impjieg.

**Ugo Marangoni** xehed li huwa jokkupa l-kariga ta' *Production Manager*. Huwa qal li kien hu li ghamel ir-rapport dwar xoghol hazin li kien ghamel l-Appellant li primarjament kien li jittestja u jiccertifika li l-materjal kien ta' l-aqwa kwalita sabiex seta' jitkompla l-ipprocessar. Dan l-ittestjar kien maghruf bhala '*dyeing test*', test li l-Appellant naqas li jaghmel u li kien maghruf mill-impjegati inkluz l-Appellant bhala wiehed mandatorju. Ix-xhud stqarr dan filwaqt li pprezenta *production sheet* li tipprova dak li kien xehed.
Fil-waqt li ta dettalji tal-process tax-xoghol, ix-xhud spjega l-impatt negattiv kemm finanzjarju u anke fuq ir-reputazzjoni tal-kumpanija jekk materjal ta' kwalita baxxa jihtalla li jigi pprocessat.
Ix-xhud stqarr li traskuragni minn dan it-tip tipperikola l-impjieg tal-haddiema, f'mument meta l-kompetizjoni mill-pajjizi tal-Lvant kienet wahda serja.
Ix-xhud temm l-intervent tieghu billi stqarr li huwa ma kienx imdahhal personalment fid-decizjoni tat-tkeccija mix-xoghol tal-Appellant.

**Pierre Grech** xehed li huwa kap tad-Dipartiment ta' Orditura. Kariga li ilu jokkupa ghal dawn l-ahhar sentejn. Qal li jaf lill-Appellant fuq ix-xoghol.
Spjega l-involviment tieghu f'*warning* li kien gie moghti lill-Appellant fit-28 ta' Mejju, 2012, li kien inhareg wara rapport mahrug minnu fejn

jindika li l-Appellant u zewg impjegati ohra kienu skartaw minn fuq il-lant tax-xoghol waqt il-*loading* ta' magna sabiex jiehdu kafe. Dan kien ifisser li l-magna ma tibqax ghaddejja u l-produzzjoni tieqaf.
Ix-xhud wara ghadda sabiex jaghti dettalji ta' incident iehor li kien sehh fil-21 ta' Marzu, 2013, fejn kien involut l-Appellant u li kien jirrelata ghal-*labeling* hazin ta' rkiekel u li konsegwenza ta' hekk il-produzzjoini fuq il-magna in kwestjoni kellha tibqa' wieqfa ghal jumejn. Spjega li dwar dan in-nuqqas inhareg *warning* fil-konfront tal-Appellant.
Spjega li f'kazijiet simili huwa jaghmel ir-rapport dwar il-kaz u l-*warnings* johorgu mill-*HR*.
Meta mistoqsi dwar l-incident ta' Mejju, 2012, fejn il-*warning* ta' l-Appellant baqa' jghodd filwaqt li tat-tnejn l-ohra inhafru, x-xhud qal li huwa ma jkunx imdahhal f'tali decizjonijiet.

**Stephen Scicluna** l-Appellant xehed li huwa kien ilu jahdem sittax-il sena mas-Socjeta' ntimata bhala *machine operator*. Stqarr li fl-ewwel hmistax-il sena meta bhala *manager* kellu lil Emmanuel Borg, huwa qatt ma kellu problemi fuq ix-xoghol, filwaqt li meta nhatar Pierre Grech bdew il-problemi kollha u dan fi zmien xahar.
Spjega li darba minnhom huwa u zewg haddiema ohra warrbu minn fuq il-magna li kienu qed jahdmu fuqha sabiex imorru jiehdu kafe'. Qal li minhabba f'hekk inhargu tlett *warnings* fejn filwaqt li tat-tnejn l-ohra u cjoe ta' Philip Agius u Mario Magri gew mahfura tieghu baqa' jghodd.
Spjega kif wara li dan il-*manager* eliminah mid-dipartiment, ircieva sospensjoni u jumejn wara gie mitmum l-impjieg tieghu. Qal li wara li spicca hu , mpjegati ohra ma riedux jahdmu ma' dan il-*manager* u stqarr li sahansidra xi whud minnhom anke qed jinghataw ghajnuna psikjatrika.
Dwar diversi rapporti u *warnings* li kienu saru fil-konfront tieghu bejn Jannar 2013 u Awwissu 2013, filwaqt li cahad li huwa kien hati ta' xi haga gravi qal li minkejja li huwa kien jiffirmahom, huwa kien ikellem lix-*Shopsteward* Harold, fejn dan min-naha tieghu kien jghid li qed jahdem fuqhom is-Segretarju tat-Taqsima tal-GWU Pawlu Bugeja u jibqa' ma jsir xejn sostna ix-xhud.

Ix-xhud insista li anke meta ircieva l-ittra ta' terminazzjoni tal-impjieg u wrieha lix-*Shopsteward* hekk gara ukoll. U meta mar ikellem lis-Segretarju tal-Union qallu biss li l-kaz ser iressquh quddiem it-Tribunal. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li minn mindu gie mkecci mix-xoghol u cjoe minn Awwissu 2013 huwa ghadu bla xoghol minkejja li qed jirregistra mall-ETC.

**Paul Bugeja** xehed li huwa Segretarju tat-Taqsima Metall u Kostruzzjoni tal-GWU u li fi hdana huma organizzati l-haddiema tas-Socjeta' ntimata. Spjega li huwa jkun infurmat meta jkunu ser jistemghu *hearings* ta' dixxiplina. Spjega li f'kaz ta' dixxiplina fejn kien involut l-Appellant u zewg impjegati ohra, filwaqt li l-Appellant gie sospiz, wiehed inghata *verbal warning* u l-iehor inhafritlu. Kompla x-xhud, li darba ohra l-Appellant gie dixxiplinat ghaliex rawh bil-*mobile* f'idu, meta dan kien qed jaghmlu sabiex jara x'hin hu. Ix-xhud qal li l-Appellant kien konxju li hemm is-*CCTV cameras* u li kieku ried icempel kien jibqa' diehel fit-toilet u jcempel minn gewwa.
Spjega li bhala Union, gew avvicinati minn bosta haddiema f'xiftijiet differenti, jilmentaw dwar l-atteggjament negattiv tal-*Manager* Pierre Grech. Dwar din is-sitwazzjoni ix-xhud qal li saru kuntatti anke mad-Direttur tax-Xoghol, fejn is-sitwazzjoni giet riferuta lill-*Clinical Psycologist* Dr.John Agius.
Ix-xhud kompla li meta gie deciz li l-Appellant ikollu l-impjieg mitmum, saru attentati mall-*Management* sabiex id-decizjoni tinbidel. Dan ma sehhx u l-kaz intefa quddiem it-Tribunal.
Wara ghadda sabiex jaghti l-istess dettall fir-rigward ta' *warning* iehor li kien inghata l-Appellant u dan datat 21 ta' Marzu, 2013.

**Harold Gerada** xehed illi huwa jahdem bhala *Secutiry Guard* mas-Socjeta' ntimata u huwa s-*Shopsteward* tal-*Union*. Ix-xhud beda jispjega kif zvilluppaw tlett *written warnings* li kien ircieva l-Appellant.
Dwar l-ewwel wiehed, ix-xhud qal li ma jhossx li kien gust li filwaqt li r-reat gie mwettaq minn tlett persuni, kien biss l-Appellant li kien laqqat written warning, ghaliex tat-tnejn l-ohra l-penali kien twaqqa ghal *verbal warning*. Qal li f'dak il-kaz il-Union accettat li huwa jigi ttrattat b'mod differenti sabiex ma jiskalawx l-affarijiet ghaliex dik il-habta is-sitwazzjoni mall-HR kienet wahda xejn sew.

Dwar it-tieni wiehed, ix-xhud qal li nesa d-dettal, u dwar it-tielet wiehed qal li l-Appellant kien stqarr mieghu li l-HR vera kien qabdu bil-mobile fuqu.
Dan ghaliex kellu ommu fi stat kemmxejn hazin u beda jarah sabiex jara jekk kienux cemplulu.
Ix-xhud qal li dwar il-proceduri li kienu wasslu ghat-tmiem tal-impjieg tal-Appellant huwa kien prezenti mas-Segretarju tal-*Union* Pawlu Bugeja, pero ma jiftakarx dettalji.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Dr. Charlotte Camilleri** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata bdiet billi qalet li l-Appellant ried jaghti l-impressjoni li l-problemi tieghu fuq ix-xoghol kienu kagun ta' Pierre Grech ghaliex kien imqabbad mieghu. Il-verita, sahqet Dr. Camilleri kienet li l-Appellant ghandu storja ta' *warnings* li jmorru lura numru ta' snin fuq akkuzi varji. Akkuzi li jindikaw li ghal Appellant ma tezistx awtorita.
Kompliet li dan l-atteggament l-Appellant sahansitra esponih anke waqt dawn il-proceduri fil-konfront ta' membru tal-*management.*
Dr .Camilleri spjegat li qabel kien jghaddi kollox izda bil-*management* il-gdid riedu jdahhlu ftit serjeta.
Dr. Camilleri qalet li l-Appellant ippersista f'attitudni ta' jaghmel li jrid. Dr. Camilleri ghalqet billi nsistiet li l-kumpanija wara sensiela ta' twissijiet ma kellha l-ebda triq ohra ghajr li ttemm l-impjieg tal-Appellant.

**Dr Abigail Critien** ghan-nom tal-Appellant bdiet billi qalet li t-Tribunal ma ghandux jiehu 'in konsiderazzjoni' ta' twissijiet li l-Appellant ircieva hafna snin qabel ghaliex dawn waqghu u ma kellu jkollhom l-ebda piz fuq id-decizjoni sabiex l-Appellant gie mkecci minn xogholu. Dr. Critien sostniet li l-problemi fuq dan il-lant tax-xoghol bdew mall-bdil fil-managment u dan mhux fil-konfront tal-Appellant biss izda b'mod generali, kif inhu ndikat fir-rapport tal-*Clinical Psychologist* Dr. John Alexander Agius.
Dr. Critien ghaddiet sabiex taqra siltiet minn dan ir-rapport sabiex issostni l-argumenti taghha li l-kwistjonijiet ma kienux jinkwadraw biss ma' l-Appellant izda max-*shopfloor* kollha.
Dr. Critien ikkritikat is-sistema xejn gusta ta' kif jinghataw il-*warnings* fejn ma hemm l-ebda mod kif jistghu jigu kkontestati.
Dr. Critien sostniet li t-tkeccija mill-impjieg tal-Appellant waslet wara warnings li nghataw b'mod mill-aktar arbitru.

- **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal fela bir-reqqa dovuta kull dokument esebit inkluz ir-rapport ta' Dr. John Agius u xtarr b'attenzjoni l-argumenti kif zvolgew matul il-process, u wasal ghall-konkluzjoni li f'dan il-post tax-xoghol fejn sehh dan il-kaz, fuq medda ta' zmien mhux qasir, thallew jitrawwmu normi u prattici laxki ta' xoghol li ma kienux jirriflettu zamma tal-ordni serja.

It-Tribunal wasal ghal din il-fehma, (b'mod partikolari mix-xhieda u l-komportament generali tal-Appellant waqt dan il-process), li tali laxkezza

fuq medda ta' zmien bdiet tigi nterpretata fuq il-lant tax-xoghol bhala approvazzjoni tacita ta' dak li kellu jew li ma kellux isir. Fejn certa nuqqasijiet ta' bon ordni bdew jitqiesu bhala drittijiet.

It-Tribunal wasal ukoll ghall-fehma, li llum il-Management (u dan bid-dritt kollu) qed jiehu mizuri sabiex din is-sitwazzjoni tigi indirizzata.

It-Tribunal jistaqsi, 'Dan pero', qieghed isir bil-galbu dovut jew b'metodi goffi li minflok rizultati posittivi, qed jizirghu rezistenza fix-*shopfloor* ?

Dan it-Tribunal irid iwassal messagg li klima ndustrjali tajba fuq il-post tax-xoghol la tinholoq b'mizuri draconjani min-naha ta' fuq u wisq anqas bl-*laiss'ez-faire* min-naha t'isfel. Klima ndustrjali tajba tinholoq biss jekk tkun ispirata minn fiducja reciproka bejn il-haddiem u l-*management.* Fiducja, bbazata fuq it-twemmin li d-drittjiiet fuq il-post tax-xoghol iridu jimxu 'pari passu' maz-zamma tal-ordni.

F'dan il-kaz li qed jigi ttrattat quddiem dan it-Tribunal l-Appellant inhargulu diversi '*warnings*' konnessi ma' nuqqas ta' osservanza ta' proceduri ta' xoghol jew ksur ta' regolamenti.

Il-proceduri wzati sabiex gew indirizzati dawn in-nuqqasijiet holqu dubju kbir f'mohh dan it-Tribunal dwar kemm kienu qeghdin jigu kondotti b'tali mod li jiriflettu trattament gust. Pero' aktar minnhekk in-natura ta' tali nuqqasijiet ma kienux ta' tali portata li setghu jintuzaw bhala pretest ghal tkeccija mill-impjieg.

Bla dubju, fil-konfront ta' dawn in-nuqqasijiet, l-Appellant kellu jigi kkastigat, izda mhux b'dik il-penali li fir-relazzjoinijiet industrjali hija meqjusa bhala l-piena kapitali. Setghet inghatat konsiderazzjoni ghal sospensjoni mix-xoghol minghajr hlas jew sahansidra '*demotion*'.

**Decizjoni**

It-Tribunal ma giex konvint li d-decizjoni li jintemm l-impjieg tal-Appellant ittiehdet esplicitament minhabba ragunijiet konnessi mat-twettiq tad-doveri tieghu, izda aktar sabiex jitwassal messagg lejn ix-*shopfloor* .

Ta' min jirreleva li t-Tribunal irid jiddeciedi jekk ir-raguni tat-terminazzjoni ta' mpjieg tkunx tajba u sufficcjenti skond il-ligi u wara kollox li tkun tissodisfa l-gustizzja naturali.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gew esposti f'dan il-process, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellant ma kienetx wahda gusta.

F'din ic-cirkostanza t-Tribunal jiffissa l-kumpens dovut lill-Appellanti fis-somma ta' €10,000. Liema ammont irid jithallas mis-Socjeta' ntimata fi zmien sitt gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Madanakollu, jekk is-Socjeta' ntimata toffri li l-Appellant jigi *re-instated* fl-impjieg li kellu fi zmien sitt gimghat, il-kumpens ikun wiehed nominali fl-ammont ta' €500, li jkun irid jithallas fi zmien erba' gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

M. Psaila

**Marica Psaila**
**(Ghas-Segretarju)**